

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2013/C 21/05)



Il-wiċċ nazzjonali tal-munita k commemorattiva l-ġdida ta' EUR 2 maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mil-Lussemburgu

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona tal-euro kollha. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha, bl-għan li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti ⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Komunità li jipprovdi għall-ħruġ ta' muniti tal-euro għandhom il-permess joħorġu muniti tal-euro k commemorattivi maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni, sakemm jiġu rrispettati ċerti kundizzjonijiet, partikolarment li tintuża biss id-denominazzjoni ta' EUR 2. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fi h disinn k commemorattiv li jkun simboliku ħafna ftermini nazzjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż li qiegħed joħroġ il-munita: Il-Lussemburgu

Suġġett tal-kommemorazzjoni: iż-żwieġ tal-Eredi Gran Duka Guillaume mal-Kontessa Stéphanie de Lannoy

Deskrizzjoni tad-disinn:

Il-munita fuq in-naħa tax-xellug tal-parti ta' ġewwa turi x-xbiha tal-Altezza Rjali Tiegħu l-Gran Duka Henri, u fuq in-naħa tal-lemin tal-parti ta' ġewwa x-xbiha tal-Eredi Gran Duka Guillaume sovrapposta fuq ix-xbiha tal-Kontessa Stéphanie. Il-kliem "PRËNZENHOCHZAÏT" u "LËTZEBUERG" u s-sena "2012", maġenb il-marka taz-zekka u l-inizjali tal-mastru taz-Zekka, jidhru fuq in-naħa t'isfel tal-parti ta' ġewwa tal-munita.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Numru ta' muniti li għandhom jinħarġu: 1,4 miljuni

Data tal-ħruġ: Diċembru 2012

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).